KUNSILL REĠJONALI LVANT

# MINUTI

## Laqgħa tar-Reġjun Numru 57

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

It-Tnejn 11 ta' Mejju, 2026

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:52 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sa. Mariah Meli – Sindku Għargħur
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke

ASSENTI

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

57.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, mis-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Mariah Meli, mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, u mis-Sindku ta' Birkirkara, Dott. Desirei Grech, u anke l-Kunsillier Luke Vella, kif ukoll mis-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, sabiex jinfurmawna li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

57.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittra t'apoloġija.

## 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

57.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 56 li nżammet nhar it-Tnejn 27 ta' April 2026 kienu meħuda bħala moqrija.

57.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku, is-Sa Yvonne Bartolo, sekondata mill-Kunsilliera tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela.

## 57.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Aġġornament fuq il-Kuntratt ta' l-iskart*

57.3.1 Il-President informa kif il-Kuntrattur kellu sa nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2026 biex jgħati risposta lura għad-dokument li kien ġie ppreparat. Madanakollu l-kummenti mingħand l-avukat tal-kuntrattu waslu għand dan ir-Reġjun nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju.

57.3.2 Is-Sur Chircop kompla jinforma kif dan l-uffiċċju talab parir mingħand l-avukat dwar l-emendi li kienu qed jiġu proposti mill-avukat tal-kuntrattur. Liema parir ġie mgħoddi nhar il-Ġimgħa 8 ta' Mejju 2026.

57.3.3 Il-President qal ukoll kif l-avukat tar-Reġjun ressaq sottomissjonijiet legali bil-miktub tal-Kunsill Reġjonali fil-kawża, liema punti ġew iċċirukulata mal-membri preżenti sabiex ikunu diskussa f'din il-laqgħa.

57.3.4 Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex ir-Reġjun jimxi fuq il-pariri li ta l-avukat kemm dwar il-kuntratt li qed jiġi konkluż kif ukoll dwar is-sottomissjoni legali.

57.3.5 Il-President informa kif kif qed jiġu kkordinati mill-Waste Manager, Ryan Zammit, ma kull Kunsill Lokali sabiex jiġu mressqa l-punti kollha dwar il-punti li għandhom jiġu kkunsidrati għas-sejħa tal-kuntratt li jmiss. Hu informa wkoll kif din hija inizjattiva li qed issir wara laqgħa li nżammet mill-AKL fejn għaliha hu kien preżenti f'isem dan ir-Reġjun.

- *Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun*

57.3.6 B'referenza għal dan, il-President informa kif dan ir-Reġjun wieġeb lura għall-proposta mressqa u kif dan l-uffiċċju għadu qed jistenna tweġiba lura mingħand is-sid. Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Laqgħa Ġenerali Annwali 2026*

57.3.7 Il-President fakkar fil-laqgħa Ġenerali annwali li ser tinżamm nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2026 ser tkun qed tinżamm l-Laqgħa Ġenerali Annwali 2026.

## 57.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

57.4.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda mistoqsija għal din il-laqgħa.

## 57.5 Rapporti

57.5.1 Il-President informa kif ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 57.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *European Week of Regions and Cities 2026*

57.6.1 Hekk kif kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun, il-President informa kif l-għada tal-laqgħa l-uffiċċju bagħat emejl lill-Kunsilli kollħa fi ħdan ir-Reġjun u sad-data ta' l-għeluq dan kien irċieva disa applikazzjonijiet.

57.6.2 Is-Sur Chircop informa kif Bħala Segretarji Eżekuttivi kien hemm żewġ applikazzjonijiet mingħand is-Sa Shirlet Falzon (SE Kunsill Lokali Għargħur) u s-Sur Pierre Portelli (SE Kunsill Lokali Sliema) u b'hekk dawn huma awtomatikament eleġibbli biex ikunu parti minn din id-delegazzjoni.

57.6.3 Is-Sur Chircop informa kif ir-Reġjun kien irċieva interess mingħand is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, il-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo, il-Viċi Sindku tal-Għargħur, is-Sa Francesca Attard, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, u mill-Kunsillier ta' Ta' Xbiex, is-Sur Eugenio Muscat.

57.6.4 Il-President informa kif is-Sur Chetcuti u s-Sa Bartolo kienu elegibbli peress li s-Sur Chetcuti qatt ma kien tela u s-Sa Bartolo kienet telgħet aktar minn tliet snin ilu. Hu informa wkoll kif is-Sa Attard u s-Sur Muscat ma kienux eleġibbli peress li mhumiex Sindki u lanqas rappreżentanti tal-Kunsill fil-laqgħat tar-Regjun.

57.6.5 Għal din ir-raġuni hu qal li ser itella żewġ ismijiet bil-polza bejn is-Sur Dalli, is-Sur Dalli u s-Sur Pillow.

57.6.6 Bil-polza telgħu s-Sur Guido Dalli u s-Sur John Pillow u b'hekk id-delegazzjoni ser tkun komposta mis-Sa Shirley Falzon, is-Sur Pierre Portelli, is-Sur Neville Chetcuti, is-Sa Yvonne Bartolo, is-Sur John Pillow, u is-Sur Guido Dalli.

- *Regional Cultural Cooperation Fund*

57.6.7 B'referenza għal dan il-programm, il-President informa kif nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2026 kien hemm skedata laqgħa mas-Sur Luke Dalli pero minflok din il-laqgħa saret mis-Sur Daniel Azzopardi flimkien mas-Sa Nicole Borg.

57.6.8 Hu informa kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll il-Maniġer tal-Kultura fejn kienu infurmati li dan il-programm għal din is-sena mhux ser isir pero infurmaw lir-Reġjun biex japplikaw għal fond ieħor tal-President fejn ir-Reġjun ikun irid jitfa applikazzjoni ma' artist.

- *'Shape Your Space: What you told us, Where we go next'*

57.6.9 Il-President informa kif nhar il-Ħamis 7 ta' Mejju 2026 dan ir-Reġjun kien ġie mistieden sabiex jattendi din il-konferenza minn Project Green dwar il-konklużjonijiet li kien hemm mill-informazzjoni miġbura fuq il-Whiterocks Pembroke.

57.6.10 Is-Sur Chircop qal ukoll kif matul il-preżentazzjonijiet u diskors mgħoti mill-Ministru Miriam Dalli, huma infurmaw li wħud mill-bini eżistenti fil-White Rocks għandhom valur storiku u għalhekk ser jiġu rrestawrati u ppreservati. Sadanittant jiena flimkien ma Jeanette, Andrea u l-Perit tar-Reġjun ser niltaqgħu mal-konsulent tal-Minsitru nhar l-Erbgħa li ġej biex jiġu ppreżentati ż-żewġ postijiet tentattivi għall-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

- *Passi fil-Wied*

57.6.11 Il-President inform kif il-Kunsill Reġjonali Lvant kien ġie avviċinat minn Skola Sajf sabiex jospita sitt *workshops* addizzjonali f'Wied Għollieqa, Imsida b'kollaborazzjoni ma' ERA.

57.6.12 Is-Sur Chircop qal kif dan huwa feedback pożittiv meta wieħed iqis li ġejna avviċinata wara l-posts fuq il-midja soċjali taż-żewġ ħarġiet preċedenti.

- *Laqgħa ma' Neptunes*

57.6.13 Il-President informa kif kellha tinżamm laqgħa ma' rappreżentant minn-Neptunes pero din kellha tiġi posposta għal data oħra.

57.6.14 Hu nforma kif aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Kiri ta' karozza ta' l-elettriku*

57.6.15 Il-President għamel referenza għall-komunikazzjoni li kienet ġiet imressqa fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun u kif dan ir-Reġjun kien għamel kuntatt mas-Sur Flores mill-LESA kif ukoll ma' tribunal oħra, fejn ġejna nfurmata li dakinhar tat-Tribunal, dawn il-ħaddiema għandhom jirrappurtaw ġurnata tax-xogħol fit-tribunal minflok fl-uffiċċju amministrattiv.

57.6.16 Hu żied jgħid kif din l-informazzjoni ġiet kkomunikata mal-impjegati tat-tribunal, u s'issa jidher li jixtiequ jibqgħu għaddejjin bil-prassi li jgħamlu użu mill-karozza personali tagħhom biex imorru fl-uffiċċju tat-tribunal kull darba li jkun hemm is-seduti skedati.

57.6.17 Hu kompla jgħid kif sadanittant ir-Reġjun ġabar kwotazzjonijiet biex jara l-prezzijiet ghall-kiri ta' karozza bl-eletricku sabiex tkun tistà tiġi użata mir-Reġjun peress li l-ammont ta' avvenimenti li qed isiru mir-Regjun żdiedu sostanzjament.

57.6.18 *18:21pm – Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, wasal għal din il-laqgħa.*

57.6.19 Wara diskussjoni qasira dwar dan, kien hemm qbil sabiex tingħabar aktar informazzjoni u tiġi mressqa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Kwotazzjonijiet*

57.6.20 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet miġbura mill-uffiċċju. Liema kwotazzjonijiet kienu diġa ġew mingħuta lis-Sindki u rappreżentanti qabel din il-laqgħa.

57.6.21 Kien hemm qbil sabiex jiġu approvata l-orħos kwotazzjoni.

- *Irmunkar ta' Vetturi u Oġġetti*

57.6.22 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, talab lill-President jindirizza lill-membri preżenti dwar problema li ltaqà magħha rigward dan is-servizz.

57.6.23 Fuq approvazzjoni tal-President, is-Sur Chetcuti spjega kif hu mexa mal-proċeduri legali sabiex jitneħħew dgħajjes minn fuq ix-xatt, pero il-kuntrattur li kien tkellem miegħu r-Reġjun, maċċettax li jneħħiha peress li kienet dagħajsa u mhux vettura.

57.6.24 Il-President informa kif ir-Reġjun ser jivverifika dan u jgħamel komunikazzjoni mal-Kunsill rispettiv.

## 57.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

57.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

57.7.2 Il-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo, sekondata mis-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 54A u 54B.

57.7.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com*

## 57.8 Mozzjonijiet

56.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 57.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

57.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:26 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju 2026, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 22 ta' Ġunju, 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |